MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 984/2011

**Joseph MALLIA (bil-karta tal-Identita Numru 192662M) bhala rapprezentant guridiku tas-socjeta Lloyd's Malta Limited (C-24284) bis-sahha ta' Board Resolution datata 30 ta' Lulju 1999 u din in rapprezentanza ta' Brit (Syndicate Number 2987), Kiln (Syndicate Number 510) u St. Paul (Syndicate Number 5000) li huma assiguraturi fis-suq ta' Lloyd's ta' Londra kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat taghha s-socjeta Pre Limited (C43594) [li kienet tiggestixxi l-istabbiliment 'Stiletto Club' fi Triq San Gorg, San Giljan] taht Polza tal-Assigurazzjoni Nru. P2002253**

**Vs**

**S & J Premiere Ltd (C41637) [li kienet tiggestixxi l-istabbiliment 'Brown's Bar' fi Triq San Gorg, San Giljan], SMS Insurance Agency Limited u b'digriet datat 11 ta' Gunju, 2012 giet kjamata in kawza Stiletto Limited**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-22 ta’ Novembru, 2011** u li permezz taghha talab lill-intimati, jew minn minnhom, ihallsuh is-somma ta’ tlett elef sebgha u hamsin euro u sebgha u tletin ċenteżmi ta’ euro [€3,057.37c] u dan wara li ppremetta hekk:

“L-attur nomine jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallsu s-somma komplessiva ta’ tliet elef u sebgha u hames mija u tmintax-il Ewro u tnejn u sebghin ċenteżmu (€3,057.37) konsistenti, in kwantu ghas-somma ta’ elfejn, seba’ mija u ewro (€2,701) rappreżentanti danni sofferti mis-socjeta Pre Limited (l-assigurata tal-attur nomine) b’rizultat ta’ ingress u perkolazzjoni ta’ ilma ghal gol-fond minnha gestit bl-isem ‘Stiletto Club’ fi Triq San Gorg, San Giljan minn gol-fond adjacenti li kien gestit mis-socjeta konvenuti fl-indirizz “Brown’s Bar”, Triq San Gorg, San Giljan u in kwantu ghas-somma ta’ tliet mija u sitta u hamsin ewro u sebgha u tletin ċenteżmu (€356.37) rappreżentanti surveyor/adjustor’s fees dizborsi mill-attur nomine in konnessjoni mal-istess kaz, bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni”.

Ra **r-risposta tas-socjeta intimata S& J Premier Limited** minnha mressqa fis-17 ta’ Frar, 2012 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba rikorrenti:

“1. Illi preliminarjament, it-talba attriċi hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi fil-mertu, d-danni li ghalihom l-attur nomine jaghmel riferenza fit-talba tieghu, jehtieg li jiġu ppruvati.

3. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost, id-danni li ghalihom l-attur nomine jaghmel riferenza fit-talba tieghu ma kinux ikkaġunati mis-socjeta konvenuta.

4. Illi s-socjeta konvenuta kienet koperta bil-polza ta’ assigurazzjoni idonea, u ghaldaqstant, ghandha tkun is-

socjeta SMS Insurance Agency Limited li tirrispondi ghad-danni li kien hemm.

5. Illi t-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez”.

Ra **r-risposta tas-socjeta kjamata fil-kawza SMS Insurance Agency Limited** minnha mressqa fit-23 ta’ Marzu, 2012 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba rikorrenti:

“1. Illi preliminarjament, it-talba attriċi hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi fil-mertu, d-danni li ghalihom l-attur nomine jaghmel riferenza fit-talba tieghu, jehtieg li jiġu ppruvati.

3. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost, id-danni li ghalihom l-attur nomine jaghmel riferenza fit-talba tieghu ma kinux ikkaġunati mis-socjeta konvenuta.

4. Illi t-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri”.

Ra r-rikors tas-socjeta S & J Premiere Limited datat 17 ta’ Mejju, 2012 fejn is-socjeta intimata talbet lit-Tribunal sabiex ivarja l-ordni moghtija minnu fis-seduta tat-30 ta’ Marzu, 2012, billi jhassar l-ordni fejn kien gie ordnat li l-kawza tithalla ghas-smiegh tal-provi kollha tal-partijiet u minflok jordna li jinstemghu biss il-provi dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati, u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li jidhirlu xierqa u opportuni;

Ra l-verbal datat 23 ta’ Mejju, 2012 fejn Dr. Ghaznavi ghas-socjeta intimata S & J Premiere Limited jaghmel referenza ghar-rikors minnu ppreżentat fis-17 ta’ Mejju, 2012 u rtira l-istess rikors.

Ra l-istess verbali tat-23 ta' Mejju, 2012 fejn Dr. Ghaznavi rtira l-ewwel eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u talab lit-Tribunal sabiex jinghata permess biex jippreżenta eċċezzjoni ulterjuri. L-eccezzjoni, skond il-verbal kienet "*... jekk jirriżultaw xi danni u dawn id-danni jirriżultaw li huwa tort tas-socjeta konvenuta kienu riżultat ta' kaz fortuwitu u mhux xi nuqqas jew negliġenza tas-socjeta konvenuta*". Minkejja dan, sad-data tas-sentenza, l-ebda eċċezzjoni bhal din ma dahlet permezz ta' xi risposta ulterjuri. Minkejja dan, it-Tribunal xorta wahda sejjer jeżamina l-istess fid-dawl tal-provi mressqa.

Ra l-verbal tat-13 ta' Gunju, 2012 fejn Dr. Mark Anthony Mifsud Cutajar ghan-nom tas-socjeta kjamata in kawża SMS Insurance Agency Limited irtira l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ra r-rikors tas-socjeta kjamata in kawża SMS Insurance Agency Limited datat 6 ta' Gunju, 2012 fejn talbet li tiġi kjamata fil-kawza s-socjeta Stiletto Limited.

Ra d-digriet datat 11 ta' Gunju, 2012 fejn it-Tribunal laqa' t-talba.

Ra li s-socjeta Stiletto Limited ġiet notifikata fl-20 ta' Lulju, 2012, iżda minkejja dan, hija baqghet qatt ma ppreżentat risposta.

Ra l-verbali datati 7 ta' Dicembru, 2012, 8 ta' Jannar, 2013 u 11 ta' Marzu, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, ir-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas minghand l-intimati tas-somma ta' tlett elef u sebgha u hamsin euro u sebgha u tletin ċenteżmi ta' euro [€3,057.37c] u dan bhala danni li gew ikkawżati fil-fond

maghruf bl-isem ta' Stiletto Club meta minn gol-fond maghruf bl-isem ta' Brown's Bar dahal l-ilma. B'konsegwenza ta' dan l-ingress ta' ilma ġratilhom il-hsara u soffrew id-danni. L-intimati ma qablux ma dan il-fatt u cahdu r-responsabbilita.

Ikkunsidra;

2. **James Magri**, insurance surveyor, qal li huwa kien mar fl-istabbiliment maghruf bl-isem ta' Stiletto fil-21 ta' Dicembru, 2009. Ix-xhud hejja żewġ rapporti, wiehed preliminari (dok. JM 1 – fol. 25) u iehor finali (dok. JM 2 – fol. 29). Meta mar fuq il-post fejn sehh l-incident, ix-xhud qal li kien iltaqa ma' Ronald Axisa li huwa l-proprjetarju tal-istabbiliment maghruf bl-isem ta' Stiletto u dan ta' l-ahhar indikalu "*...hafna hsarat ta' ingress ta' ilma fil-fond tieghu fosthom twapet, panelling tal-hajt, affarijiet elettroniċi u ghamara*" (fol. 23). Zied ighid li minn investigazzjonijiet li huwa ghamel kien irrizultalu bic-car li l-ilma kien gej mill-Browns Bar li jinsab sovrappost ghal fond Stiletto. L-istess xhud isemmi ukoll il-fatt li Silvio Pace, mpjegat ta' Brown's Bar kien kellmu u kkonfermalu li kellhom hsarat fil-kanen ta' l-ilma fil-proprjeta taghhom.

3. **Alan Ciantar** xehed fis-seduta tas-6 ta' Novembru, 2012. Huwa qal li kien *manager* fil-hanut Brown's Bar li kien gestit mis-socjeta intimata S & J Premier Limited bejn is-sena 2008 u s-sena 2010. Huwa qal li kien hemm inċident meta dahal xi ilma fil-hanut maghruf bl-isem ta' Stiletto, li jinsab sottopost ghall-hanut Brown's. Huwa qal li f'gurnata partikolari meta kien qieghed jiftah il-hanut Brown's kien mar fuqu l-manager ta' l-istabbiliment maghruf bl-isem ta' Stiletto u qallu li "*... ghandu isfel mgherreq bl-ilma*" (fol. 37). Huwa mar biex jara b'ghajnejh x'kien qieghed jiġri u fil-fatt seta' jikkonstata li kien qed iqattar l-ilma mis-saqaf u cioe mis-suffett. Fl-2010, l-istabbiliment "Brown's Bar" gie trasferit lil Stiletto Limited. Ix-xhud qal li b'hekk, il-hanut maghruf bl-isem ta' Stiletto issa kellu fuq u isfel.

**In kontro-ezami,** x-xhud qal li jikkonferma li "*... l-ilma li dahal fi Stiletto kien gej mill-hanut li kont niggestixxi jiena*

*u cioe minn Brown's Bar. Il-handyman kien qieghed jirranġa fejn il-meter tal-ilma ta' Brown's. Jiena ma kontx naf fejn kien qieghed il-meter però ovvjament qalli l-handyman. Dan il-meter tal-ilma kien mohbi wara l-injam*" (fol. 38).

4. Fis-seduta tas-7 ta' Dicembru, 2012 xehed **Jason Vassallo**, *surveyor* u *loss adjustor*. Huwa jghid li l-"*leak sehhet minn fejn hemm marka sewda u l-pipe l-antik tal-meter jghaqqad mal-pipe l-gdid li jidher dan qieghed fuq dok. JV3*[1]*. Qieghed nimmarka b'cirku minn fejn kien qieghed jirrizulta din il-leak*" (fol. 45). Dan il-pipe jinsab fl-istabbiliment Brown's Bar. Huwa jghid ukoll li l-"*leak sehh minn pipe tal-acorn rigidu li dan it-tip ta' pipe m'ghandux bżonn il-maintenance li ghandu l-flexible pipe u kien ghalhekk illi jiena fil-korrispondenza li bdejt naghmel mas-surveyor Magri nsostni illi fejn ikun hemm flexible pipe jkun hemm ir-responsabbilita fejn ikun hemm ir-rigid pipe ma jkunx hemm*" (fol. 45-46). L-istess xhud indika li d-danni subiti fl-istabbiliment Stiletto kien jammonta ghal tlett elef euro (€3,000).

5. Ra s-survey reports esebiti;

Ikkunsidra ulterjorment;

6. Jigi osservat illi n-norma skond l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili "*tikkostitwixxi l-punt kardinali tar-responsabilita` extra-kontrattwali u tenuncja r-regola illi l-awtur tal-lezjoni ghandu jaghmel tajjeb ghall-konsegwenzi negattivi patrimonjali subiti mit-terz*[2]". Komplimentari ma' dan il-principju hemm dak il-principju l-iehor li jafferma illi "*d-danneggjat ghandu d-dmir li jaghmel dak kollu ragonevoli biex inaqqas il-hsara, anke jekk mhux obbligat jitghabba b'pizijiet biex inaqqas dik il-hsara*[3]".

[1] Fol. 54
[2] Ara s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet "**Kevin Mifsud -vs- Sparkasse Bank Malta plc et**", 9 ta' Frar, 2005, li kienet tittratta kwestjoni ta' perkolazzjoni ta' ilma fil-fond ta' l-attur minn fond viċin.
[3] "**Antonio Mallia -vs- Catherine Moore**", Appell Civili, 26 ta' Novembru, 1954.

7. In linea ta' principju ġenerali, kull sid ta' bini hu prezunt li ghandu taht il-kontroll u disponibilita` tieghu mhux biss l-istruttura *ut sic* imma wkoll l-impjanti u l-installazzjonijiet ta' go fih. Gie ritenut f'dan ir-rigward mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Giovanni Vella *et* -vs- Michael Cilia** deċiża fit-23 ta' Gunju, 2004 illi "*huwa ghalhekk prezunt illi kull wiehed iwiegeb ghall-hsara kagjonata anke minn dawn l-impjanti u installazzjonijiet taht il-kontroll tieghu. Li jfisser allura illi jissussisti d-dover ta' kontroll u ta' kustodja adegwata ta' dawn il-hwejjeg li fuqhom is-sid jew detentur ghandu l-poter materjali*."

8. L-istess Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Gasan Mamo Insurance Limited noe vs Doreen Vella et** deċiża fit-23 ta' April, 2010 kompliet tghallem ukoll li "*f'kazijiet tax-xorta hawn ikkontemplati ta' perkolazzjoni ta' ilma minn fond wiehed ghall-iehor, in-natura oggettiva tar-responsabilita` hi skontata u ben evidenti. Din ir-responsabilita` hi fondata fuq il-fatt illi l-fond li minnu pperkola l-ilma kien taht il-kustodja tas-sidien tieghu, u huwa dan l-istess fatt li ghandu jassumi l-aktar riljev fil-fattispeci. Dan qed jigi sottolinejat ghaliex, dejjem fl-opinjoni tal-Qorti, gjaladarba tezisti dik il-kustodja fis-sid dan huwa minnu innifsu kriterju ta' responsabilita`, in kwantu jimponi fuq min ghandu d-disponibilita` tal-fond, sija materjali, sija guridika, ir-responsabilita` ghas-sehh ta' certi eventi determinanti. Dan ukoll indipendentement mir-ricerka tan-ness kawzali bejn xi kondotta negattiva tieghu u l-event tad-dannu li jkun ivverifika ruh*u".

9. Kompliet tghid dik l-Onorabbli Qorti illi "*strettament id-danneggjat mhux tenut jipprova x-xorta ta' kondotta kolpuza f'min igib fis-sehh l-event dannuz u, kwazi, kwazi, din hi wkoll irrilevanti in kwantu hu lanqas ma ghandu l-possibilita li jaccedi fil-fond li minnu originat il-hsara u, allura, tezisti ghalih anke id-diffikolta estrema li hu jipprova l-kondotta effettiva ta' sid dak il-fond*". Id-danneggjat hu gravat bl-oneru li juri li l-event gie prodott b'konsegwenza tal-malfunzjonament jew tal-hsara fl-attrezzatura jew installazzjoni sitwata fil-fond sovrastanti u li tali kienet

tirrapprezenta dik il-kondizzjoni necessarja u sufficjenti fil-produzzjoni tal-hsara.

10. Fil-kawza fl-ismijiet **Albert Farrugia -vs- Peter Galea *et***, deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Frar, 2007 inghad li "*kull ma kellu jipprova l-attur kien il-fatt ta' l-ingress ta' l-ilma fil-fond tieghu provenjenti mill-appartament sovrastanti, proprjeta` ta' l-appellanti. Hi din il-prova tan-ness materjali tal-kawzalita bejn l-ingress ta' l-ilma u d-dannu verifikat li kienet tinkombi fuq l-attur*".

11. Biex imbaghad l-intimat jista jiskansa ruhhu minn din ir-responsabilita` huwa kien jenhtieglu jipprova l-kaz fortuwitu, applikabbli sija fil-kaz ta' danni extra-kontrattwali (Artikolu 1029), sija fil-kaz ta' danni kontrattwali (Artikolu 1134, Kodici Civili).

12. Imiss issa li jiġu deċiżi l-eccezzjonijiet imqanqal mill-intimati fid-dawl tal-provi mressqa mill-partijiet.

13. L-ewwel eċċezzjoni u cioe dik tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni odjerna a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili ġiet irtirata mid-difensuri tas-socjeta intimata u kjamata in kawża fis-seduti tat-23 ta' Mejju, 2012 u 13 ta' Gunju, 2012 rispettivament. Ghalhekk it-Tribunal mhux ser jikkunsidra l-istess u jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess.

14. Fuq il-mertu ftit hemm xi tghid. Jirrizulta bl-aktar mod car li l-hsara li saret fl-istabbiliment maghruf bl-isem ta' Stiletto grat meta kien hemm perkolazzjoni ta' ilma mill-istabbiliment maghruf bl-isem ta' Brown's Bar. B'referenza ghall-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta intimata S & J Premiere Limited imressqa minnha fil-verbal tat-23 ta' Mejju, 2012 fejn qalet li "*... jekk jirriżultaw xi danni u dawn id-danni jirriżultaw li huwa tort tas-socjeta konvenuta kienu riżultat ta' kaz fortuwitu u mhux xi nuqqas jew negliġenza tas-socjeta konvenuta*" din ukoll ma tinsabx sorretta mill-provi. Kif diġà rajna, u anke skond il-gurisprudenza l-aktar reċenti, f'kazijiet ta' perkolazzjoni ta' ilma, biex ma jkunx hemm responsabbilita irid ikun hemm il-kaz fortuwitu jew

il-forza maġġuri. F'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda prova ta' dan.

15. Fuq dan il-punt, it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li jghallem il-**Franzioni** fl-opra tieghu **Le Obbligazioni Da Fatto Illecito**[4] fejn ighid li "*ai fini della prova liberatoria viene in rilievo soltanto una nozione oġġettiva del caso fortuito, che attiene, non ad un comportamento del responsabile, ma alla modalita di causazione del danno e din particolare al profilo causale; il caso fortuito, infatti, libera da responsabilita il custode ogni qualvolta sia dotato di un autonomo impulso causale, in modo tale da consentire di ricondurre all' elemento esterno, anziche alla cosa che ne e fonte immediata, il danno che concretamente si e verificato. La dimostrazione della diliġenza del custode e irrilevante; l'elemento soggettivo non entra in gioco ne per l'ignoranza sullo stato della cosa, ne per la prevedibilita dell' evento...*".

16. Is-socjeta intimata bhal donnha qed tghid li ghaliex il-*pipe* li ġralu l-hsara kien jinsab mohbi wara l-injam[5] u li dan il-pipe kien tat-tip acorn rigidu u ghalhekk ma ghandux bżonn *maintenance*[6] allura japplika f'dan il-kaz il-kaz fortuwitu. Kif diġà rajna, it-Tribunal ma jaqbilx ma din is-sottomissjoni. L-impjant odjern kien jinstab fil-proprjeta u taht il-kontroll u responsabbilita tas-socjeta intimata S & J Premiere Limited. Ghalhekk ma jistax ikollok f'din il-qaghda sitwazzjoni ta' imprevedibilita u ta' inevitabilita. Dan ghaliex xi darba jew ohra kien dejjem prevedibbli anke ghaliha qua sid mill-konsegwenzi li l-hsara fil-*pipe* mohbi wara l-injam seta' jikkaġuna. F'dan il-kaz, il-*casus* invokat ma jistax iservi biex jehles lis-socjeta intimata S & J Premiere Limited mill-imputabilita u allura mir-responsabbilita ghad-danni kagjonati fil-fond tal-assikurat tar-rikorrenti.

17. Is-socjeta intimata l-ohra u cioe l-SMS Insurance Agency Limited iddahhlet f'dan il-kaz mis-socjeta intimata

[4] Ed. Utet, 2004 pg. 291

[5] Ara xhieda ta' Alan Ciantar moghtija fis-6 ta' Novembru, 2012 (fol. 38);

[6] Ara xhieda ta' Jason Vassallo moghtija fis-7 ta' Dicembru, 2012 (fol. 45);

S & J Premiere Limited ghalxejn l-ghaliex hija ma ikkawżat l-ebda hsara iżda kienet is-socjeta li maghha l-istess socjeta intimata S & J Premiere Limited kienet assikurata. Ghalhekk din l-istess soċjetà ma ghandha twieġeb xejn fil-konfront tar-rikorrenti.

18. Permezz ta' rikors datat 6 ta' Gunju, 2012, is-socjeta kjamata in kawża SMS Insurance Agency Limited talbet li tiġi kjamata in kawża ukoll is-socjeta Stiletto Limited u dan peress li hija ġiet infurmata li l-interessi tas-socjeta S & J Premiere Limited gew assenjati lill-imsemmija soċjetà Stiletto Limited. Din it-talba intlaqghet fil-11 ta' Gunju, 2012. L-imsemmija soċjetà Stiletto Limited baqghet qatt ma ppreżentat risposta f'dawn il-proceduri minkejja li kienet ġiet debitament notifikata.

19. In sostenn ta' din it-talba, s-socjeta SMS Insurance Agency Limited ippreżentat ftehim datata 28 ta' Mejju, 2010 (dok. AC 1 a fol. 39 et seq). Skond dan il-ftehim, is-socjeta intimata S & J Premiere Limited ttrasferit lis-socjeta Stiletto Limited "*... all rights, title and interest in the rights, warranties, securities, guarantees and obligations and every other thing and right emanating from and accessory to the Lease Agreement and as a consequence thereof to be bound by all the terms and conditions contained in the Lease Agreement*" u "*The Assignor hereby also sells and transfers to the Assignee who hereby accepts to purchase and acquire the moveable items, furnishings and fixtures presently found in the Premises, listed in the inventory attached hereto and marked Doc 'B'*" (fol. 40). Ma hemm xejn indikat f'dan il-ftehim ghar-rigward ta' xi danni li s-socjeta S & J Premiere Limited kellha thallas minhabba xi hsara li hija kienet responsabbli ghalihom waqt li l-gestjoni ta' l-istabbiliment Brown's Bar kien f'idejha. Ghalhekk, ghalkemm illum il-gurnata l-istabbiliment minn fejn oriġinat il-hsara huwa taht il-kontroll tas-socjeta Stiletto Limited, meta sehhew il-hsarat, dan l-istess stabbiliment kien taht il-kontroll tas-socjeta S & J Premiere Limited. Ghalhekk l-imsemmija soċjetà Stiletto Limited ma ghandha twieġeb ghall-ebda hsara. Kif diġà inghad il-ftehim ta' assenjazzjoni ma jitkellem xejn dwar dawn il-hsarat in kwistjoni u ghalhekk

ghadha responsabbli ghalihom l-imsemmija soċjetà S & J Premiere Limited.

20. Dwar id-danni subiti, t-tribunal huwa tal-fehma li mill-provi prodotti dawn gew ippruvati sodisfacentement u li ghalhekk is-socjeta S & J Premiere Limited ghandha twieġeb ghalihom. Dawn il-hsarat jammontaw ghas-somma ta' tlett elef u wiehed u hamsin euro (€3,051). Dan l-ammont jirrizulta mis-survey report datat 17 ta' Awwissu, 2010 mhejji minn James Magri ghan-nom ta' MSB Valletta Limited fuq inkarigu tar-rikorrenti (fol. 29 et seq.). Dan l-ammont huwa kważi identiku ghar-rapport imhejji minn Jason Vassallo ghan-nom ta' Equitas Limited inkarigat mill-assikuratur tas-socjeta intimata S & J Premiere Limited (fol. 47 et seq).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjoni mqanqla mis-socjeta intimata S & J Premiere Limited u mis-socjeta kjamata in kawża SMS Insurance Agency Limited, jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lis-socjetajiet SMS Insurance Agency Limited u Stiletto Limited, jichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet imqanqla mill-istess soċjetà intimata S & J Premiere Limited ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija u u konsegwentement jghaddi biex jilqa t-talba tar-rikorrenti limitatament ghas-somma ta' tlett elef u wiehed u hamsin euro (€3,051) u jikkundanna lill-istess socjeta intimata S & J Premiere Limited thallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlett elef u wiehed u hamsin euro (€3,051).

Is-socjeta SMS Insurance Agency Limited ghandha thallas l-ispejjez kollha in konessjoni mas-socjeta Stiletto Limited, filwaqt li s-socjeta intimata S & J Premiere Limited ghandha thallas l-ispejjez l-ohra kollha.

L-imghaxijiet fuq l-ammont ta' tlett elef u wiehed u hamsin euro (€3,051) jibdew jiddekorru mill-21 ta' Dicembru, 2009.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------